IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.3.2017
COM(2017) 202 final

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW U LILL-KUNSILL

L-Għaxar Rapport dwar ir-Rilokazzjoni u r-Risistemazzjoni

MT MT

1 Introduzzjoni

Mill-2015 'l hawn, biex tiġi indirizzata l-kriżi serja tar-refuġjati, il-Kummissjoni Ewropea ilha taħdem b'mod intensiv biex tistabbilixxi l-komponenti differenti kollha tal-politika komprensiva tal-migrazzjoni, kif mitlub mill-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew ripetutament. Dan jinkludi kemm miżuri għal żmien qasir kif ukoll għal żmien twil, mill-indirizzar tal-flussi migratorji barra mill-UE u t-twaqqif tal-flussi irregolari lejn u fl-Ewropa, għall-iżgurar tal-kontroll effettiv tal-fruntieri esterni tagħna b'mod partikolari permezz tat-twaqqif tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, għar-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u l-provvediment ta' mezzi mtejba għall-migrazzjoni legali, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' qafas komuni tal-UE għar-risistemazzjoni.

L-iskemi temporanji ta' rilokazzjoni[1] *u ta' risistemazzjoni*[2] *ta' emerġenza huma fatturi ewlenin tar-rispons tal-Unjoni biex il-migrazzjoni tiġi ġestita aħjar u biex il-prinċipju ta' responsabbiltà u solidarjetà jiġi kkunsidrat fil-prattika. Flimkien mal-miżuri l-oħrajn kollha meħtieġa jew li issa huma fis-seħħ sabiex jitnaqqsu, b'mod sostenibbli, il-flussi ta' migranti irregolari lejn l-Ewropa, dawn is-sistemi huma komponenti importanti mill-istrateġija usa' biex jerġa' jinkiseb il-kontroll tas-sitwazzjoni.*

Ma jistax ikun hemm kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà mingħajr solidarjetà. Il-miżuri u l-proposti tal-Kummissjoni huma bbażati fuq dan il-prinċipju u ma jistgħux jiġu diżassoċjati minn xulxin. Skont id-Dikjarazzjoni ta' Malta tal-Kapijiet ta' Stat jew tal-Gvern[3]*, l-elementi kollha tal-politika komprensiva tal-UE dwar il-migrazzjoni jridu jiġu implimentati. Il-tkomplija tat-trasferimenti ta' Dublin lill-Greċja rrakkomandati mill-Kummissjoni fil-15 ta' Marzu 2017 ma jistgħux jiġu sseparati mir-responsabbiltà kollettiva biex tittaffa l-pressjoni fuq il-Greċja mill-implimentazzjoni tal-obbligi skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rilokazzjoni. Barra minn hekk, filwaqt li huwa essenzjali li s-sistemi ta' rilokazzjoni ta' emerġenza jiġu implimentati b'mod sħiħ fi żmien qasir biex tittaffa l-pressjoni minn fuq l-Italja u l-Greċja; huwa importanti wkoll, b'mod parallel, li titħaffef il-ħidma fuq ir-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, partikolarment dwar ir-Regolament ta' Dublin. Din ir-riforma tiżgura li l-Ewropa jkollha politika dwar l-ażil ġusta iżda effikaċi bbażata fuq tqassim ċar u ġust tar-responsabbiltà fost l-Istati Membri kollha, inklużi għodod strutturali biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari.*

Għalkemm fl-2016 l-għadd ta' wasliet ta' migranti naqsu b'mod sinifikanti, il-Greċja għadha taħt pressjoni kbira minħabba li fit-territorju tagħha għad hemm mat-62,300 migrant. Il-

[1] F'Settembru 2015, il-Kunsill adotta żewġ Deċiżjonijiet legalment vinkolanti li jistabbilixxu mekkaniżmu temporanju għal rilokazzjoni tal-applikanti li jeħtieġu b'mod ċar il-protezzjoni internazzjonali mill-Italja u l-Greċja. B'kollox, skont l-ewwel u t-tieni Deċiżjoni tal-Kunsill 39,600 persuna huma eliġibbli għar-rilokazzjoni mill-Italja u 66,400 mill-Greċja. Bħala segwitu tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija, f'Settembru 2016 ġiet adottata Deċiżjoni li tirreferi għall-bqija tal-54,000 post li kienu għadhom ma ġewx allokati lill-Istati Membri, u li tagħmilhom disponibbli għall-finijiet ta' ammissjoni legali tas-Sirjani fl-UE mit-Turkija. Sa issa, l-Istati Membri indikaw l-intenzjoni tagħhom li jdaħħlu legalment 34,000 Sirjan mit-Turkija minn dawk l-54,000 inkluż permezz ta' risistemazzjoni. It-tieni Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Settembru 2015 li tinkludi l-allokazzjoni ta' 120,000 applikant għall-ażil ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti mill-Ungerija u s-Slovakkja billi invokaw għadd kbir ta' argumenti. Is-sentenza hija mistennija fl-2017.

[2] F'Lulju 2015, l-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati ta' Dublin qablu li jirrisistemaw 22,504 persuna fi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali minn barra l-UE.

[3] http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2017/01/03-malta-declaration/

Greċja trid ukoll tuża r-riżorsi fuq l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE -Turkija u tiżgura l-operat ta' kuljum tal-proċessi ta' ritorn lejn it-Turkija ta' migranti irregolari li jkunu vvjaġġaw mit-Turkija lejn il-gżejjer Griegi wara l-20 ta' Marzu 2016. F'dak li jirrigwarda l-Italja, fl-2016 ġie rreġistrat rekord ġdid ta' wasliet, 181,436[4] *(18 fil-mija aktar meta mqabbel mal-2015), li minnhom 14 fil-mija kienu minorenni mhux akkumpanjati. Il-miżuri mressqa riċentement mill-Italja*[5] *biex iżżid l-isforzi biex tirritorna dawk il-migranti li mhumiex intitolati li jibqgħu fl-UE ntlaqgħu u jenħtieġ li jiġu implimentati malajr. Ir-rilokazzjoni jenħtieġ li ttaffi l-pressjoni minn fuq l-Italja billi tinqasam ir-responsabbiltà f'dak li jirrigwarda t-trattament ta' dawk il-migranti li b'mod ċar jeħtieġu l-protezzjoni internazzjonali.*

Il-Kummissjoni kienet qed tirrapporta fuq bażi ta' kull xahar dwar l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' rilokazzjoni u risistemazzjoni. Filwaqt li rigward ir-risistemazzjoni l-progress kien wieħed promettenti, ma jistax jingħad l-istess dwar ir-rilokazzjoni fejn il-progress ġenerali sar bil-mod. Biex tinkoraġġixxi implimentazzjoni rapida tal-obbligi ta' rilokazzjoni, u abbażi tas-sitwazzjoni fil-post, il-Kummissjoni stabbiliet[6] *miri speċifiċi biex tiżgura r-rilokazzjoni ta' dawk kollha eliġibbli fl-Italja u fil-Greċja b'mod effikaċi u mingħajr xkiel fil-perjodu ta' żmien stipulat mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill. Il-Kummissjoni talbet b'mod bilaterali lill-Istati Membri sabiex iżidu l-isforzi tagħhom biex jilħqu l-miri stabbiliti u, b'mod partikolari, jissodisfaw l-obbligi tagħhom. Dawk l-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati li kienu diġà attivi fl-ambitu ta' rilokazzjoni rreaġixxew b'mod pożittiv u kkomunikaw lill-Kummissjoni l-ippjanar tagħhom kull xahar. Madankollu, ir-rispons minn Stati Membri inqas attivi kien imħallat.*

Il-kundizzjonijiet preliminari operattivi kollha qegħdin hemm biex isiru l-proċessi ta' rilokazzjoni u biex jgħinu lill-Istati Membri jilħqu l-objettivi stabbiliti. Għadd ta' Stati Membri u Pajjiżi Assoċjati qed iwittu t-triq. Jeħtieġ issa li l-oħrajn isegwu. Jekk l-Istati Membri kollha jilħqu u jwettqu l-obbligi tagħhom, sa Settembru 2017 il-migranti kollha eliġibbli fl-Italja u l-Greċja jistgħu jiġu rilokati. Issa huwa essenzjali li l-Istati Membri kollha jsaħħu u jikkoordinaw l-isforzi tagħhom u li l-partijiet ikkonċernati kollha involuti jikkooperaw flimkien b'mod effiċjenti sabiex jintlaħaq progress tanġibbli dwar dan l-element ewlieni tal-politika globali dwar il-migrazzjoni tal-Unjoni Ewropea, kif mitlub mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern.

2 Rilokazzjoni

Għalkemm ir-ritmu tar-rilokazzjonijiet żdied b'mod progressiv u mit-28 ta' Frar ġew rilokati 13,546 persuna (9,610 mill-Greċja u 3,936 mill-Italja), dan in-numru jirrappreżenta inqas minn 14 % tal-obbligu legali li ġie allokat sa issa mill-Kunsill (106,000 għall-Italja u l-

4 Sors: Il-Ministeru tal-Intern tal-Italja.

5 Decreto-Legge 17 febbraio 2017, n. 13, Disposizioni urgenti per l'accelerazione dei procedimenti in materia di protezione internazionale, nonche' per il contrasto dell'immigrazione illegale. (GU Serie Generale n.40 del 17-2-2017). Ippubblikat f'GURI Nru 40 tas-17 ta' Frar 2017, u daħal fis-seħħ fit-18 ta' Frar 2017.

6 COM (2016)791 finali. Il-Kummissjoni pproponiet approċċ inkrimentali f'żewġ stadji biex tagħti lill-Istati Membri biżżejjed żmien biex jippjanaw u jikkoordinaw l-isforzi tagħhom u jiżguraw żieda progressiva tal-kapaċitajiet biex jiġi evitat kwalunkwe xkiel loġistiku. L-ewwel fażi, biex iżżid ir-rilokazzjonijiet mill-Greċja minn 1,000 kull xahar għal 2,000 xahar u mill-Italja minn 400 għal kull xahar għal 1,000 kull xahar u, it-tieni fażi, minn April 2017, tkompli żżid ir-rilokazzjonijiet mill-Greċja minn 2,000 kull xahar għal 3,000 kull u mill-Italja minn 1,000 kull xahar għal 1,500 kull xahar.

Greċja). Bir-ritmu preżenti, in-numru totali ta' persuni rilokati se jkun ħafna inqas mill-obbligi stabbiliti għal Settembru 2017.

Franza huwa l-pajjiż li sa issa rriloka l-akbar numru ta' applikanti (2,758), segwit mill-**Ġermanja** (2,626) u **n-Netherlands** (1,486). Madankollu, kif jidher mid-dejta tal-Annessi, żewġ Stati Membri, **Malta** u **l-Finlandja**, sa issa sejrin tajjeb biex jilħqu l-obbligi tagħhom fiż-żmien stipulat kemm għall-Italja kif ukoll għall-Greċja. Anki **l-Lussemburgu** u **l-Portugall** qed jagħmlu progress b'mod kostanti rigward l-obbligi tagħhom għall-Greċja u l-Italja. Barra minn hekk, minkejja l-parteċipazzjoni volontarja fis-sistema, **il-Pajjiżi Assoċjati**, ġeneralment sejrin tajjeb biex jissodisfaw l-impenji tagħhom fiż-żmien stipulat. Fl-aħħar nett, l-Iżvezja qed torganizza ruħha biex tilħaq l-obbligi tagħha ta' rilokazzjoni għall-Italja u l-Greċja bejn Ġunju u Settembru 2017.

Sfortunatament, is-sitwazzjoni hija diżappuntanti għal Stati Membri oħra. **L-Ungerija**, **l-Awstrija** u **l-Polonja** għadhom qegħdin jirrifjutaw li jipparteċipaw fis-sistema ta' rilokazzjoni. **Ir-Repubblika Ċeka** għadha ma ħaditx impenji minn Mejju 2016 u ma rrilokat l-ebda migrant minn Awwissu 2016, li jfisser li rrilokat inqas minn 1 % tal-allokazzjoni assenjata tagħha. **Il-Bulgarija**, **il-Kroazja** u **s-Slovakkja** qed jirrilokaw b'mod limitat ħafna (bejn 1 % u 2 % tal-allokazzjonijiet assenjati lilhom).

Barra minn hekk, minkejja l-isforzi riċenti sabiex jgħaġġlu l-proċess ta' rilokazzjoni, **il-Belġju, il-Ġermanja** u **Spanja** sa issa rrilokaw madwar 10 % tal-allokazzjoni assenjata tagħhom, u Spanja mhijiex qed tieħu impenji fuq bażi ta' kull xahar. Fl-aħħar nett, xi Stati Membri li għall-ewwel kienu attivi ħafna naqqsu l-parteċipazzjoni tagħhom u qed jintalbu biex ikomplu bl-istess ritmu li kellhom qabel.

<u>Il-Greċja</u>

Barra mid-9,000 li diġà ġew rilokati, bħalissa fil-Greċja jinsabu madwar 20,000 persuna li jistgħu jkunu eliġibbli għar-rilokazzjoni. Bit-tkomplija tal-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija, huwa mistenni li s-sitwazzjoni migratorja tibqa' stabbli. **B'dan ir-ritmu ta' rilokazzjoni ta' madwar 1,000 persuna kull xahar, sa Settembru 2017, l-għadd totali ta' persuni rilokati mill-Greċja se jkun ta' madwar 16,400, li jirrappreżenta 57 % tat-total tal-persuni eliġibbli għar-rilokazzjoni.**[7] **Dan il-perċentwal mhux se jkun biżżejjed biex itaffi l-piż fuq il-Greċja.**

Jekk il-mira ta' 3,000 fix-xahar indikata fil-pjan ta' azzjoni konġunt[8] **approvat mill-Kunsill Ewropew**[9] **tiġi ssodisfata, in-numru totali ta' persuni rilokati sa Settembru 2017 għandu jkun bejn 28,400 u 30,400. Billi tintlaħaq il-mira, huwa probabbli li l-maġġoranza l-kbira ta' migranti li mistennija li jkunu eliġibbli għal rilokazzjoni fil-Greċja se jiġu rilokati, għaldaqstant jinkiseb l-objettiv ewlieni ta' din il-miżura ta' emerġenza adottata f'Settembru 2015.**

Ftit pajjiżi biss (**l-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja**, **il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall u l-Finlandja**) sejrin tajjeb biex jilħqu l-obbligi tagħhom ta' rilokazzjoni għall-Greċja. L-issodisfar tal-miri huwa għalhekk possibbli biss jekk l-Istati Membri <u>kollha</u>

7 F'April, se tkun disponibbli dejta aktar ċara wara li titlesta l-proċedura ta' reġistrazzjoni.
8 COM(2016) 792 finali, Anness 1.
9 http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/12/15-euco-conclusions-final/

jimpenjaw ruħhom biex jittrasferixxu fuq bażi regolari ta' kull xahar u skont in-numru tal-allokazzjonijiet assenjati lilhom. B'mod partikolari, dawk l-Istati Membri li għadhom ma rrilokaw l-ebda migrant jew ftit biss (**ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Kroazja, l-Awstrija, il-Polonja u s-Slovakkja**) jenħtieġ li jibdew jagħmlu dan minnufih. **Spanja** jenħtieġ li wkoll timpenja ruħha għal rilokazzjoni fuq bażi ta' kull xahar skont in-numru tal-allokazzjoni assenjat lilha u **l-Bulgarija, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovenja** jenħtieġ li jerġgħu jibdew jimpenjaw ruħhom għal rilokazzjoni fuq bażi ta' kull xahar. **Il-Belġju**, li riċentement indika li beħsiebu jħaffef il-proċess ta' rilokazzjoni, u **l-Ġermanja**, jenħtieġ li jżidu l-impenji tagħhom u r-rilokazzjoni ta' kull xahar skont in-numru tar-rilokazzjonijiet assenjati lilhom. Min-naħa tagħhom, **Franza u n-Netherlands** jenħtieġ li jkomplu, bħala minimu, bl-isforzi kurrenti tagħhom ta' kull xahar u l-istess jenħtieġ li jagħmlu l-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati li diġà sejrin tajjeb biex jilħqu l-obbligi tagħhom fiż-żmien stipulat. L-Istati Membri kollha għandhom joffru aktar postijiet għar-rilokazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati, inklużi minorenni miżżewġa, juru iżjed flessibbiltà u jaċċettaw is-sehem ġust tagħhom tal-persuni vulnerabbli.

L-issodisfar ta' dawn il-miri fil-biċċa l-kbira jaqa' f'idejn l-Istati Membri ta' rilokazzjoni, minħabba li l-Greċja u l-aġenziji tal-UE u l-organizzazzjonijiet internazzjonali involuti fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu għamlu dak li huwa meħtieġ sabiex ir-rilokazzjoni taħdem. **Il-Greċja** implimentat il-parti l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet stabbilit mill-Kummissjoni fir-rapporti tagħha ta' kull xahar, l-aktar biex tirreġistra malajr kemm jista' jkun il-migranti kollha, inklużi dawk li huma eliġibbli għal rilokazzjoni, bl-appoġġ tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO) u l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) – sa Marzu 2017 il-Greċja se tirreġistra l-migranti kollha li bħalissa jinsabu fil-Greċja (jiġifieri xahar iktar kmieni milli kien ippjanat oriġinarjament). **L-EASO** qed jimplimenta Pjan Operazzjonali ġdid li jippermetti li jiddaħħal persunal temporanju biex jiżgura l-preżenza kontinwa tal-esperti u l-kontribut tiegħu kien kruċjali biex tiġi ggarantita l-kwalità tal-fajls ta' rilokazzjoni u biex jiġi appoġġat il-persunal b'anqas esperjenza fis-Servizz tal-Ażil fil-Greċja. Bis-saħħa tal-appoġġ koordinat tal-**UNHCR** u **l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM),** il-proċess ta' rilokazzjoni qed isir dejjem aktar effiċjenti. L-UNHCR kien essenzjali fit-tfassil tal-eżerċizzju ta' prereġistrazzjoni tal-massa u biex tiġi żgurata akkomodazzjoni xierqa tal-applikanti għar-rilokazzjoni, filwaqt li l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) tiżgura li l-applikanti kollha jgħaddu minn kontrolli tas-saħħa u jirċievu informazzjoni ta' orjentazzjoni qabel it-tluq, li juri flessibbiltà għall-kundizzjonijiet imposti mill-Istati Membri u żieda kontinwa fil-kapaċità tagħha.

L-Italja

Fl-2016, fl-Italja waslu madwar 20,700 Eritrean, iżda sa issa l-awtoritajiet Taljani rreġistraw bejn 5,300 u 5,800 biss għar-rilokazzjoni. **B'dan ir-ritmu ta' rilokazzjoni ta' madwar 750 persuna kull xahar, sa Settembru 2017, l-għadd totali ta' persuni rilokati mill-Italja se jkun ta' madwar 9,200, li attwalment jirrappreżenta 44 % tat-total tal-persuni eliġibbli għar-rilokazzjoni.[10] Dan il-perċentwal mhux se jkun biżżejjed biex itaffi l-piż fuq l-Italja. Barra minn hekk, dan jista' jinbidel minħabba pressjoni migratorja futura.**

Jekk il-mira ta' 1,500 fix-xahar tiġi ssodisfata, sa Settembru 2017 in-numru totali ta'

[10] In-numru ta' persuni eliġibbli għal rilokazzjoni li huma attwalment preżenti fl-Italja u li jistgħu jkunu eliġibbli għar-rilokazzjoni mhux magħruf għal kollox.

persuni rilokati għandu jkun bejn l-11,200 u l-14,200.

Tmien pajjiżi biss (**il-Ġermanja, Franza, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Finlandja, il-Portugall** u **l-Iżvizzera**) huma impenjati bis-sħiħ fir-rilokazzjoni mill-Italja. Stati Membri oħrajn (**il-Belġju**, **il-Kroazja, il-Latvja, ir-Rumanija u Spanja**) sa issa rrilokaw biss numru żgħir ta' persuni. Oħrajn **(il-Kroazja, Ċipru, il-Lussemburgu, ir-Rumanija, is-Slovenja** u **Spanja**) mhux qed jimpenjaw ruħhom fuq bażi ta' kull xahar. Ħafna Stati Membri għadhom ma rrilokaw l-ebda persuna mill-Italja (**il-Bulgarija**, **ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Irlanda, l-Ungerija, il-Litwanja, l-Awstrija, il-Polonja u s-Slovakkja**).

Biex jintlaħqu l-miri jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jimpenjaw ruħhom biex jittrasferixxu u jirrilokaw fuq bażi regolari ta' kull xahar u skont in-numru tal-allokazzjonijiet assenjat lilhom. Saru arranġamenti mal-Europol u l-awtoritajiet Taljani biex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' kontrolli ta' sigurtà addizzjonali, inklużi l-intervisti ta' sigurtà. Għaldaqstant Stati Membri inqas attivi li sa issa ġġustifikaw ir-rata baxxa ta' rilokazzjoni tagħhom minħabba tħassib ta' sigurtà[11] jenħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom immedjatament. Fl-istess waqt, dawk l-Istati Membri li huma inqas magħrufa għall-applikanti jenħtieġ li jtejbu l-komunikazzjoni ta' informazzjoni, inklużi s-sessjonijiet ta' orjentazzjoni kulturali.

Min-naħa tagħha, l-**Italja** għandha turi iżjed flessibbiltà rigward ir-raġunijiet addizzjonali biex jiġu permessi intervisti ta' sigurtà tal-Europol. Barra minn hekk, l-Italja tenħtieġ li tidentifika u tirreġistra għar-rilokazzjoni dawk il-persuni kollha eliġibbli malajr kemm jista' jkun u b'mod kontinwu. Għal dan l-għan, l-Italja tenħtieġ li żżid in-numru tal-persunal li huwa responsabbli għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet fl-Unità ta' Dublin, jekk meħtieġ b'appoġġ tal-EASO, inklużi t-timijiet mobbli tal-EASO diġà eżistenti li jirreġistraw migranti eliġibbli għar-rilokazzjoni lil hinn miċ-ċentri ta' rilokazzjoni oriġinali. L-Italja jenħtieġ li tiċċentralizza wkoll l-applikanti fi ftit siti ta' rilokazzjoni, għall-anqas matul l-aħħar stadji tal-proċedura, b'tali mod li l-ewwel fażi tat-tluq, inkluż l-ispezzjonijiet tas-saħħa u s-sessjonijiet ta' orjentazzjoni kulturali, isiru b'mod aktar effiċjenti u jitnaqqsu r-riskji ta' ħarba, peress li l-applikazzjonijiet jiġu pproċessati aktar malajr. Fl-aħħar nett**,** l-Italja jenħtieġ li tiċċara b'mod urġenti l-proċeduri li jippermettu r-rilokazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati (inkluż billi tiġi ffaċilitata l-ħatra ta' tuturi), tagħmel użu mill-parir u l-appoġġ ulterjuri tal-EASO, u toħloq ċentru wieħed jew aktar ta' rilokazzjoni speċifiċi għall-minorenni mhux akkumpanjati biex jitħaffu l-proċeduri.

<u>Biex jinkisbu l-miri kemm għall-Greċja kif ukoll għall-Italja huwa essenzjali li</u>:

- l-Istati Membri kollhajimpenjaw ruħhom u jittrasferixxu b'mod stabbli kull xahar skont in-numru ta' rilokazzjonijiet assenjati lilhom, jirrispettaw iż-żmien stipulat ta' rispons kif stabbilit fil-protokolli ta' rilokazzjoni u jtejbu s-sistemi ta' akkoljenza u l-integrazzjoni tagħhom biex jevitaw li jkun hemm dewmien fit-trasferimenti, billi jużaw bis-sħiħ il-fondi tal-UE;
- L-ebda Stat Membru ma jagħżel dak li jaqbillu, jew jiddeċiedi b'mod arbitrarju jekk jaċċettax talba għar-rilokazzjoni. Iċ-ċaħdiet jenħtieġ li jkunu bbażati biss fuq il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill;

[11] Pereżempju, l-Estonja u l-Irlanda impenjaw ruħhom darba, iżda billi dak iż-żmien ma ngħatawx il-permess li jwettqu intervisti ta' sigurtà, ma reġgħux ħadu impenji oħrajn għalissa. Barra minn hekk, il-Litwanja rrifjutat l-ewwel talbiet għal rilokazzjoni mibgħuta mill-Italja; minkejja li l-Litwanja kienet qed timpenja ruħha kważi kull xahar, l-Italja ma bagħtet l-ebda talbiet għal rilokazzjoni.

- L-Italja tidentifika u tirreġistra malajr il-migranti kollha li jaslu u li jkunu eliġibbli għar-rilokazzjoni, turi iżjed flessibbiltà rigward ir-raġunijiet li jippermettu li jsiru l-intervisti ta' sigurtà tal-Europol, tiċċentralizza l-applikanti għall-aħħar fażi tal-proċedura, f'numru anqas ta' strutturi ta' akkoljenza u tibda tirriloka l-minorenni mhux akkumpanjati mill-aktar fis possibbli.

3 Risistemazzjoni

Sa issa nkiseb progress sinifikanti rigward ir-risistemazzjoni, diġà tlestew aktar sew minn nofs it-22,504 risistemazzjoni miftiehma skont il-Konklużjonijiet tal-20 ta' Lulju 2015. Mis-6 ta' Frar 2016, ġew risistemati 454 persuna, l-aktar mit-Turkija, il-Ġordan u l-Libanu. Mis-27 ta' Frar 2017, ġew risistemati **14,422** persuna lejn 21 Stat (**l-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Iżlanda, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Liechtenstein, il-Litwanja, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit**). **L-Estonja, l-Irlanda, in-Netherlands, il-Finlandja, l-Iżvezja,** u **r-Renju Unit,** kif ukoll **il-Pajjiżi Assoċjati: l-Iżlanda, il-Liechtenstein** u **l-Iżvizzera**, diġà ssodisfaw l-impenji tagħhom.

Il-maġġoranza tal-Istati li pparteċipaw fis-sistema indikaw li l-isforzi ta' risistemazzjoni tagħhom kienu primarjament, iżda mhux kompletament diretti lejn Sirjani li jgħixu fil-Ġordan, fil-Libanu u fit-Turkija. Dan jinkludi sforzi mill-Istati Membri biex jirrisistemaw is-Sirjani mit-Turkija skont id-Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016.

Mill-4 ta' April 2016, **3,565** Sirjan ġew risistemati mit-Turkija skont il-parti tar-risistemazzjoni tal-iskema 1:1 tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija. B'kollox, mill-aħħar perjodu ta' rappurtar ġew risistemati 467 persuna skont dan il-mekkaniżmu u l-għadd ta' impenji li jifdal huwa ta' 12,108. Sa issa r-risistemazzjonijiet taħt l-iskema 1:1 saru **fil-Belġju, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Portugall, Spanja** u **l-Iżvezja**. Barra minn hekk, mill-4 ta' April **in-Norveġja** sa issa irrisistemat 150 Sirjan mit-Turkija[12].

L-Istati Membri li jkunu għadhom ma rrisistemawx skont il-Konklużjonijiet tal-20 ta' Lulju 2015 u dawk li għadhom 'il bogħod milli jilħqu l-miri tagħhom jenħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom ukoll. B'mod partikolari, l-Istati Membri li għadhom ma rrisistemawx skont l-iskemi li għaddejjin bħalissa fil-livell tal-UE (**il-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, il-Kroazja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja** u **s-Slovenja**) kif ukoll **fir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka** u **l-Portugall,** li ma rrappurtaw l-ebda progress f'diversi xhur, jenħtieġ li jagħtu prijorità biex itejbu l-isforzi tagħhom.

4. It-triq 'il quddiem

Għal din l-aħħar sena, il-Kummissjoni kienet qed tirrapporta fuq bażi ta' kull xahar, biex tmexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rilokazzjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Italja u l-Greċja, l-Istati Membri, l-aġenziji tal-UE u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-prekundizzjonijiet u l-infrastruttura operattiva biex isiru

12 Għalkemm in-Norveġja tapplika proċeduri operattivi standard ta' risistemazzjoni miftiehma mat-Turkija fl-ambitu tal-iskema 1:1, in-numru ta' risistemazzjonijiet fin-Norveġja fil-kuntest tal-iskema 1:1 ma jiġix ikkunsidrat għall-finijiet ta' kalkoli ta' ritorn ta' Sirjani mill-Greċja.

r-rilokazzjonijiet issa huma kompletament fis-seħħ. Il-hotspots ġew stabbiliti, il-proċeduri biex tiġi ffaċilitata r-rilokazzjoni qegħdin fis-seħħ, u l-aġenziji tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali qed jaħdmu id f'id mal-Istati Membri inkluż mal-Italja u mal-Greċja f'timijiet operattivi Ewropej b'mod sħiħ.

Madankollu, ir-riżultati tar-rilokazzjoni ma jirriflettix il-progress tal-bażi tal-ħidma ta' tħejjija. Filwaqt li sar progress rigward ir-rilokazzjoni, il-proċess ma kienx uniformi u irregolari. L-isforzi konġunti wasslu għal proċess rapidu u progressiv ta' rilokazzjoni sa Settembru 2016, iżda huma biss ftit l-Istati Membri li sejrin tajjeb biex jilħqu l-obbligi tagħhom skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill. Bir-ritmu preżenti, in-numru totali ta' persuni rilokati se jkun ħafna inqas mill-miri stabbiliti għal Settembru 2017. Issa, fix-xhur li ġejjin, wasal iż-żmien biex jiżdied b'mod konsiderevoli l-għadd ta' trasferimenti ta' kull xahar għall-Istati Membri kollha.

Meta adotta d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill f'Settembru 2015, il-Kunsill stabbilixxa perjodu ta' sentejn li kien meqjus adegwat għal mekkaniżmu ta' emerġenza. Fis-sbatax-il xahar mill-bidu tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet, **il-pressjoni tibqa' għolja kemm fil-Greċja kif ukoll fl-Italja b'inqas minn 14 % rilokati sa issa. Huwa kruċjali li l-Istati Membri jsaħħu l-isforzi tagħhom b'urġenza u jilħqu l-miri ta' rilokazzjoni ta' kull xahar — li jsiru mill-anqas 3,000 rilokazzjoni mill-Greċja u mill-anqas 1,500 rilokazzjoni mill-Italja. Il-mira għall-Greċja ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew.** Dawn il-miri għandhom l-għan li jiżguraw ir-rilokazzjoni ta' dawk kollha eliġibbli attwalment fl-Italja u l-Greċja b'mod effettiv u f'waqtu, filwaqt li jiġu evitati kwalunkwe ostakoli operattiv u loġistiċi li jistgħu jinħolqu li kieku l-maġġoranza ta' trasferimenti li jifdal kellhom isiru fl-aħħar xhur qabel Settembru. **L-Italja, il-Greċja, l-aġenziji tal-UE u l-organizzazzjonijiet internazzjonali żiedu l-kapaċitajiet tagħhom biex jilħqu l-miri. Jinsabu lesti u fuq stand-by biex iwettqu l-miri ta' kull xahar.** B'mod partikolari, fil-Greċja, bħalissa 9,000 ruħ jinsabu lesti biex jiġu rilokati iżda hemm nuqqas ta' impenji. **Issa huwa l-kompitu tal-Istati Membri l-oħra biex iwettqu l-obbligi tagħhom bl-istess mod.**

Is-suċċess tas-sistema ta' rilokazzjoni se jitkejjel skont jekk il-persuni kollha eliġibbli għal rilokazzjoni jiġux effettivament trasferiti lil Stat Membru ieħor kif previst fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill u jekk l-Istati Membri kollha jipparteċipawx b'mod attiv fis-sistema b'kooperazzjoni leali. **Meta wieħed iqis l-għadd attwali fil-Greċja u l-Italja, ir-rilokazzjoni ta' dawk il-migranti kollha li mistennijin ikunu eliġibbli jkun possibbli u vijabbli sa Settembru 2017**. Issa huwa ż-żmien biex il-ħtiġijiet tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern isiru azzjonijiet konkreti.

Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Presidenza Maltija tal-Kunsill u lill-Istati Membri biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-miri fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fl-aħħar ta' Marzu biex jiżguraw rata ogħla ta' rilokazzjonijiet qabel Settembru 2017 b'mod koordinat.

Jekk l-Istati Membri ma jżidux ir-rilokazzjonijiet tagħhom fi żmien qasir, u jekk il-pressjoni fuq il-Greċja u l-Italja ma tonqosx, il-Kummissjoni mhux se toqgħod lura milli tuża s-setgħat tagħha skont kif stabbilit fit-Trattati.

In-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sistema ta' rilokazzjoni mhux biss jonqos milli jtaffi l-pressjoni fuq il-Greċja u l-Italja iżda se jaffettwa ukoll b'mod negattiv il-progress fl-aspetti l-oħra tar-rispons komprensiv tal-UE għall-kriżi tal-migrazzjoni u tar-refuġjati. Fi kwalunkwe

każ, skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill, l-obbligi legali tal-Istati Membri ma jiqfux wara Settembru 2017. Għalhekk, il-proċedura ta' rilokazzjoni stabbilita f'dawn id-Deċiżjonijiet trid titwettaq mill-Istati Membri għal applikanti eliġibbli fi żmien raġonevoli.

B'mod parallel, l-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu jwettqu l-obbligi tagħhom ta' risistemazzjoni; b'mod partikolari, **dawk li jkunu għadhom ma rrisistemaw l-ebda persuna u dawk li għadhom taħt il-mira kif stabbilit fil-Konklużjonijiet tal-20 ta' Lulju 2015 jenħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom.**